**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 12 ta' Dicembru 2019

Rikors Numru: 248/2012 AL

**A B**

Vs

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ipprezentat fis-26 ta' Ottubru, 2012 li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

## A. FATTI

1. Illi r-rikorrenti A B hija separata minn ma' zewgha C B u dan permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili u

kkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru, 2007. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu tlett (3) itfal, u cioe D F ta' tlettax (13)-il sena, E G ta' tnax(12) -il sena u F G ta' disa`(9) snin;

2. Illi ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment mingħajr ebda tama ta' rikonċiljazzjoni b'tort unikament tal-intimat li kien ħati ta' eċċessi, moħqrija, inġurji gravi u sevizzi, li jinkludu theddid u vjolenza domestika u li r-rikorrenti kkontribwiet f'parti minuri ħafna għat-tifrik taż-żwieġ;
3. Illi l-aċċess kien irregolat mis-sentenza su ċitata li tistabilixxi li l-aċċess għandu jiġi eżerċitat kull nhar ta' Erbgħa mis-sitta ta' wara nofsinhar (6.00p.m.) sat-tmienja ta' bil-lejl (8.00 p.m.) u kull nhar ta' Ħadd mill-għaxra ta' filgħodu (10.00a.m.) sat-tmienja ta' bil-lejl (8.00p.m.), b'dana pero li b'żieda ma' dan l-aċċess, kull l-ewwel Sibt ta' kull xahar l-attur jingħata aċċess ulterjuri għall-istess tlett uliedu billi l-access jibda mill-imsemmi Sibt fil-ħamsa ta' wara nofsinhar (5.00p.m.) u jibqa` sejjer kontinwament sal-Ħadd ta' wara, b'mod li jispiċċa fil-ħamsa ta' wara nofsinhar (5.00 p.m.), filwaqt illi ġie ordnat illi l-minuri għandhom jittieħdu għall-aċċess mir-residenza tar-rikorrenti u jinġiebu mill-aċċess fl-istess residenza tar-rikorrenti puntwalment mill-intimat;
4. Illi fis-sena tal-elfejn u għaxra (2010) bdew jinqalgħu inċidenti fil-konfront tat-tfal u ghalhekk ir-rikorrenti kienet ħadet passi necessarji sabiex taċċerta ruħha illi uliedha jkunu sikuri u fil-fatt permezz ta' digriet datat tat-12 ta' Marzu, 2010 l-Onorabbli Qorti fl-atti tar-rikors 41/10 AF idderiġiet lill-partijiet jersqu għall-proċeduri ta' medjazzjoni;
5. Illi permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Gunju, 2010 l-Aġenzija Appoġġ ġiet ordnata tissorvelja s-sitwazzjoni u għalhekk ġie pprezentat rapport mill-istess Agenzija fis-sbatax (17) ta' Awwissu tal-elfejn u għaxra (2010) fl-Atti tar-rikors Generali 41/10AF, li jikkonferma illi fil-verita kien hemm incidenti fil-konfront tal-minuri da parti tal-intimat missier, u li l-minuri, speċjalment il-kbar jibzgħu minnu u għalhekk, l-istess Aġenzija rrakomanda illi l-istess aċċess għandu jseħħ, pero` taħt supervizjoni. Dan ir-raport ġie segwiet minn digriet fir-Rikors Ġenerali Numru 41/10, fejn l-Onorabbli Qorti ordnat illi kull aċċess li jgawdi l-intimat missier lejn uliedu għandu jsir taħt supervizjoni tal-Agenzija Appoġġ.

6. Illi permezz ta' nota fil-15 ta' Marzu, 2011, l-Agenzija Appoġġ kienet ġabet a formali konjizzjoni tal-Onorabbli Qorti fir-Rikors Ġenerali Numru 41/10 AF li l-aċċess b'supervizjoni beda jiġi eżerċitat b'effett minn tlett ġimgħat qabel kull nhar ta' Erbgha mis-sitta ta' filgħaxija (6.00 p.m.) sat-tmienja ta' filgħaxija (8.00 p.m.) u nhar ta' Ħadd mis-sagħtejn ta' wara nofsinhar (2.00 p.m.) sal-ħamsa ta' filgħaxija (5.00 p.m.) barra l-bini tal-Aġenzija Appoġġ u dan wara li ntlaħaq ftehim dwar dan maż-żewġ partijiet. Illi prezentement l-aċċess qiegħed isseħħ fil-ġurnata tal-Ħamis fl-istess ħinijiet stante illi l-ulied huma involuti f'attivitajiet oħra fil-ġurnata tal-Erbgħa u għaldaqstant intlaħaq ftehim sabiex tinbidel il-ġurnata għal dik tal-Ħamis u kif ukoll il-Ħadd fl-istess ħinijiet, fejn il-minuri jittieħdu għall-access quddiem il-kumpless tal-Gallarija fil-Fgura dejjem taħt supervizjoni tal-istess Aġenzija Appoġġ;
7. Illi saru diversi tentattivi da parti tar-rikorrenti sabiex jintlaħaq ftehim għall-aċċess inkluz bil-proċeduri tal-medjazzjoni izda dawn ma tawx il-frott primarjament minħabba l-intransiġenza da parti tal-konvenut;
8. Illi l-attrici ġiet debitament awtorizzata sabiex tipprezenta din l-istanza permeżż ta' digriet f'dan is-sens mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fit-3 ta' Ottubru, 2012;
9. Illi r-rikorrenti tħoss u tagħraf illi s-sitwazzjoni qiegħda tiġi kkontrollata għaliex proprju hemm is-sorveljanza min-naħa tal-Apoġġ. In oltre, l-istess minuri qed juru kambjament u meljorament fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Għalkemm ir-rikorrenti ma tridx iċċaħħad milli t-tfal tagħha jkollhom aċċess għall-missierhom, hija xorta waħda tibqa` bezgħana illi l-intimat jasal biex ikompli bl-aġir tiegħu, fosthom l-inċidenti li saret referenza għalihom aktar 'il fuq u vizzji oħra u għaldaqstant jehtieġ illi l-aċċess għandu jibqa` sorveljat u dan fl-aqwa interess tat-tfal.

## B. RAĠUNIJIET GĦAT-TALBIET TAR-RIKORRENTI

Illi għalkemm saru diversi tentattivi da parti tar-rikorrenti sabiex jintlaħaq ftehim għall-aċċess inkuz bil-proċedura tal-medjazzjoni, dawn ma tawx frott minħabba l-intransiġenza da parti tal-konvenut u

għalhekk l-istess rikorrenti ġiet awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza;

Illi r-rikorrenti tħoss u tagħraf illi s-sitwazzjoni qiegħda tiġi kkontrollata għaliex proprju hemm is-sorveljanza min-naħa tal-Appoġġ. In oltre, l-istess minuri qed juru kambjament u meljorament fil-hajja tagħhom u l-attivitajiet extra kurrikulari. Għalkemm ir-rikorrenti ma tridx iċċaħħad milli t-tfal tagħha jkollhom aċċess għal missierhom hija xorta waħda tibqa` bezgħana illi l-intimat jasal biex ikompli bl-aġir tiegħu, fosthom l-inċidenti msemmija u vizzji oħra u għaldaqstant jeħtieg illi l-aċċess għandu jibqa` sorveljat u dan għall-aqwa interess tat-tfal.

C. **TALBIET**

Talbet ir-rikorrenti li l-intimat igħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex :

1. Tawtorizza illi l-aċċess tal-minuri jibqa` limitat għal dak li huwa fil-preżent, u ċioe ġurnata fil-ġimgħa li tiġi stabbilita mill-Aġenzija Appoġġ skont l-eżiġenzi u l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri u dana sakemm il-ħinijiet ikunu bejn is-sitta ta' filgħaxija (6.00p.m.) u t-tmienja ta' filgħaxija (8.00p.m.), kif ukoll l-aċċess ta' nhar ta' Ħadd mis-sagħtejn ta' wara nofsinhar (2.00 p.m.) sal-ħamsa ta' wara nofsinhar (5.00 p.m.), liema aċċess għandu jsir fi kwalunkwe post li għandu jiġi deċiz mill-istess Aġenzija Appoġġ;
2. Tordna illi l-imsemmi aċċess għandu jkun sorveljat mill-istess Aġenżija tal-Appoġġ sabiex il-minuri jiġu mogħtija l-protezzjoni meħtieġa, filwaqt illi jkollhom l-opportunita illi jaraw lill-missierhom; u
3. Tordna illi jekk jinħass il-ħtieġa fil-mori tal-kawża, jinħatar Avukat tat-tfal sabiex jimmilita favur l-interessi tal-minuri u dan taħt dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-medjazzjoni kontra l-konvenut minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici ;

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenut li permezz taghha eċċepixxa (fol. 16):

1. Illi l-aċċess fil-prezent qiegħed isir hekk għat-tlett itfal tal-kontendenti u ċioe:
   i. Kull nhar ta' Ħamis bejn is-6.00p.m. u t-8.00p.m. fil-preżenza tas-supervisor.
   ii. Kull nhar ta' Ħadd bejn is-2.00p.m. u l-5.00p.m. fil-preżenza tas-supervisor.

   It-tfal jinġabru mill-intimat, fiz-zewg okkazzjonijiet minn quddiem l-istabbilment Il-Gallarija ġewwa l-Fgura u jittieħdu lura mill-intimat hemmhekk.
2. Illi huwa ma jaqbilx li l-aċċess għandu jkun b'supervizjoni jew inkella li l-aċċess jibqa` kif inhu fil-preżent anke għaliex it-tfal, illum il-ġurnata D F għandu erbatax (14)-il sena. E G tnax (12)-il sena u F G disa` (9) snin. Dan fuq kollox huwa wkoll dak li qegħdin jgħidu lill-intimat l-addetti tal-Aġenzija Appoġġ.

i. Il-kwistjoni tas-superviżjoni qamet wara li r-rikorrenti bdiet tagħmel allegazzjonijiet inveritjieri fil-konfront tal-intimat, liema allegazzjonijiet bdew permezz tar-rikors tagħha datat 8 ta' Marzu 2010. Dan ir-rikors wassal lill-Qorti sabiex l-aċċess għall-minuri aħwa B jiġi sospiz b'digriet tal-5 ta' Marzu, 2010. Sussegwentement, l-aċċess beda jsir b'supervizjoni, l-ewwel tar-rikorrenti (digriet 12 ta' Marzu, 2010) u mbaghad tal-Aġenzija Appoġġ (digriet datat 11 ta' Ottubru 2010).
ii. L-intimat kien sahansitra tressaq il-Qorti u akuzat li kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq ibnu D, mil-liema akkuzi huwa kien ġie liberat. Minkejja dan, l-aċċess xorta waħda baqgħa taħt supervizjoni.
iii. Qabel dawn l-allegazzjonijiet, l-aċċess kien isir mingħajr supervizjoni u dam isir mingħajr supervizjoni għal snin twal.
iv. Illi jidher biċ-ċar, anke mir-rapporti tal-addetti tal-Aġenzija Appoġġ, li din is-sitwazzjoni waslet fejn waslet minħabba li r-rikorrenti kienet u għadha tinfluwenza lill-minuri. Dan rawh u stqarrewh l-addetti tal-imsemmija Aġenzija.
v. Illi r-rikorrenti mkien ma ssemmi d-disa` (9) sentenzi mogħtija mill-Onorabbli Qorti Kriminali bejn l-2010 u 2012 u dan għar-

rigward taċ-ċaħda da parti tar-rikorrenti għall-aċċess lejn il-minuri mill-missier. Is-sentenzi li kellha fil-konfront tagħha kienu kollha jirrigwardaw l-aċċess tal-intimat ghall-minuri u waslu biex il-Qorti tikkonferma sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn ingħatat ġimgħa detenzjoni. Dan apparti li l-kumplament tas-sentenzi kienu kollha ikkundannawha għal sentenzi sospizi, jew inkella applikaw l-artikolu 22 tal-Kap. 446 fil-konfront tagħha.

vi. Dan kollu juri li s-sitwazzjoni waslet fejn hi llum bi htija unika tar-rikorrenti u l-intimat ma għandux jibqa` jiġi ppreġudikat minħabba l-abbuz li għamlet ir-rikorrenti fil-konfront tiegħu.

3. Illi l-intimat kull ma jixtieq huwa li l-aċċess għall-minuri jerġa` jiġi kif kienet ordnat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet C sive Charles B vs A B Cassar deċiza fit-30 ta' Novembru 2007.
4. Għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċhuda bl-ispejjeż kontra tagħha u l-aċċess tal-intimat fir-rigward tal-minuri ikun skont dak ordnat mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru, 2007 u mingħajr supervizjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semgħet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex l-aċċess tal-minuri jiġi limitat għall-modalita deskritta fl-ewwel talba tar-rikors, u sabiex dan l-imsemmi aċċess jibqa' sorveljat mill-Aġenzija tal-Appoġġ.

**Fatti:**

Illi jirriżulta mill-provi li l-partijiet huma separati permezz ta' sentenza mogħtija mill-Prim' Awla Qorti Ċivili, u kkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru 2007. Illi miż-żwieġ bejn il-kontendenti twieldu tlett itfal, D F li meta gie ppreżentat dan il-kaz kellu tlettax-il sena, E G li kellu tnax-il sena fiż-żmien tal-preżentata ta' dan ir-rikors, u F G li kellu disa' snin meta ġie ntavolat ir-rikors odjern. Illi l-aċċess kien irregolat mis-sentenza suċċitata. Sussegwentement, wara li nqalgħu xi inċidenti, il-Qorti b'digriet datat 12 ta' Marzu 2010 ordnat lill-partijiet jersqu għall-medjazzjoni. B'digriet sussegwenti datat 1 ta' Ġunju 2010, l-Aġenzija Appoġġ ġiet ordnata tissorvelja dan l-aċċess, u fil-fatt, L-Aġenzjia Appoġġ, permezz ta' nota datata 15 ta' Marzu 2011, infurmat lill-Qorti li l-aċċess b'superviżjoni beda jiġi eżerċitat. Illi r-rikorrenti pproċediet bil-każ odjern sabiex tassigura li l-aċċess u s-sitwazzjoni jibqgħu jiġu sorveljati mill-Aġenzija Appoġġ.

**Provi:**

Illi A B xehdet permezz ta' affidavit[1] fejn qalet li r-raġel tagħha kien beda kawża ta' separazzjoni fl-2002, liema kawża ġiet deċiża fl-2005 u ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fl-2007. Spjegat li żewġha sa mill-bidu taż-żwieġ kien ikun vjolenti ħafna. L-aċċess ġie regolat waqt il-proċeduri ta' separazzjoni, fis-sens li Charles kellu jara lit-tfal darbtejn fil-ġimgħa, iżda ftit wara li Charles beda jara t-tfal huma bdew jirritornaw bi tbenġila. Żiedet tixhed illi t-tifel iż-żgħir F twieled fil-bidu tal-proċeduri tas-separazzjoni fl-2003 u kien ibagħti bi problemi f'qalbu u meta l-missier għamel talba sabiex jingħata l-aċċess, l-attriċi xehdet illi beżgħet tibgħat lil F id-dar fejn kien joqgħod il-konvenut, u ftit ġimgħat wara l-attur kien anke ġab iż-żewġt itfal lura d-dar, F u D, bil-ħruq tas-sigaretti fuqhom. Sussegwentement, beda jsir il-moniteraġġ mill-Appoġġ waqt l-aċċess u l-moniteraġġ kien qed isir minn Daniela s-social worker. Sakemm ingħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell is-swat fuq it-tfal kien qed ikun rari iżda beda jiżdied it-

[1] Fol 24 tal-process.

tbenġil fuq it-tfal wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Fi Frar 2010, kien hemm okkażjoni partikolari meta D kellu tbenġila u meta ommu staqsietu dwarha, qalilha li missieru kien tah bil-ponn u bis-sieq. L-attriċi kompliet tixhed li sakemm ġie regolat l-aċċess skont kif ordnat mill-Qorti tal-Appell u kien bis-superviżjoni, it-tfal bdew jibżgħu imorru. Sussegwentement, il-Qorti stess kienet ordnat li l-aċċess isir taħt superviżjoni, fejn anke D ikkalma mill-vjolenza u għalhekk is-supervizjoni kienet qed tkun ta' ġid għat-tfal u għas-sigurta tagħhom. Xehdet li hi ma tridx iċċaħħad lit-tfal minn missierhom, tant li anke f'għeluq sninhom hi tistiednu iżda saħqet li l-aċċess isir fl-aħjar interess u bis-sigurta għat-tfal.

Illi fix-xiehda tagħha in kontro-eżami l-attriċi wieġbet li meta kienu għadhom mhux separati u l-intimat kien jidhol id-dar fis-sakra, dak iż-żmien ingħatat parir mingħand l-avukat tagħha sabiex meta jiġri hekk tagħlaq it-tfal f'kamra u hi kienet tingħalaq magħhom. Hi ċaħdet li D kien juri x-xewqa li jqatta' aktar ħin ma' missieru. Ipprečiżat li dak li qed titlob hi hu li l-aċċess jibqa' b'superviżjoni għax it-tfal iħossuhom aktar komdi. Dwar attivatijiet extra-kurrikulari tat-tfal l-attriċi xehdet illi dejjem kienet tgħid lill-intimat bihom, iżda meta rat li t-tfal qed isofru għax daqqa jiġi ta' wieħed imbagħad ma jiġix tal-ieħor, ma baqgħetx tgħidlu. Xehdet ukoll li peress li t-tifel iz-zgħir twieled bi problema f'qalbu kienet avżat b'dan lil Charles iżda xi vista medika biss kien ġie, sussegwentement ma baqax jiġi. B'referenza għal dak li qalet fl-affidavit tagħha, u b'referenza għas-social worker Daniela li qalet li t-tfal kienu jieħdu pjaċir ma' missierhom, iżda dan kien qabel il-kawża meta t-tfal kienu għadhom żgħar u qabel ma qalu daqshekk għas-swat. Hija kkonfermat li t-tifel E G kien imsawwat minn missieru u dan wara li kellmitu s-psychologist. Żiedet tgħid li fl-2013, it-tfal kellhom 10, 12 u 14 il sena rispettivament u hi kienet marret għand il-Kummissarju tat-tfal fejn tawha l-parir biex jitqabbad avukat tat-tfal.

Illi xehdet Adriana Gellel, Social worker fit-Taqsima tas-Supervised Access Visits, u qalet li wara li kien ħareġ digriet tal-Qorti li permezz tiegħu l-Aġenzija Appoġġ ġiet ordnata biex tħejji assessments tal-aċċess li kellu jkollu C B fil-konfront ta' uliedu, iltaqgħu mal-ulied u l-ulied ma kinux komdi li jkollhom aċċess ma missierhom, b'hekk huma

kienu rrakomandaw biex l-aċċess ikun supervised, u fil-fatt wara ftit taż-żmien, kien ħareġ digriet ieħor mill-Qorti sabiex l-aċċess isir taħt superviżjoni. Spjegat li s-sessions tal-aċċess kienu sagħtejn kull darba u s-superviżjoni kienet issir minnha jew minn kollega tagħha. Żiedet tgħid li l-aċċess għadu jkun supervised sal-lum, fejn is-supervisors mhux dejjem ikunu social workers, iżda jattendu mill-bidu sal-aħħar waqt l-aċċess. Dwar it-tfal, spjegat li s-supervisor tosserva t-tfal u żżomm kuntatt mat-tfal waqt l-aċċess filwaqt li perjodikament ssejjaħ lill-ġenituri kif ukoll lit-tfal biex jaraw li kollox għaddej kif suppost. Żiedet tgħid li kien ħareġ digriet mill-Qorti, sabiex il-familja tattendi għal family therapy, fil-fatt dan sar, u nżammu sessions ta' Family therapy mat-tfal biss stante li t-tfal urew ix-xewqa li ma jkunux mal-missier, u t-terapista kienet Charmaine Mifsud Cardona mill-Aġenzija Sedqa, u ġie suġġerit illi l-missier jattendi għal sessjonijiet għand Psikologu, Charles Cassar.

In kontro-eżami x-xhud ippreżentat Dok AG 241 sa AG 387, ir-rapporti kollha tal-Aġenzija Appoġġ bejn Frar 2015 sas-sena 2017, li saru minn persuni differenti. Ix-xhud spjegat li r-rakkomandazzjoni tal-Appoġġ biex l-aċċess ma jibqax b'supervizjoni saret wara ħafna żmien li l-aċċess kien ilu jsir b'superviżjoni. Ippreċiżat li meta ltaqgħet mat-tfal ma kinitx tkellimhom fil-preżenza tal-omm, iltaqgħet magħhom l-iskola, fil-bini tal-Appoġġ u d-dar tagħhom, imma dejjem mingħajr l-omm, u individwalment għax l-ulied seta' kellhom xewqat differenti. Xehdet li F ma riedx is-superviżjoni iżda E kien qal li ma jafdax lil missieru anke wara li l-Appoġġ irrakkomandaw li l-aċċess isir minghajr superviżjoni, u D kien bejn ħalltejn, u meta kellmet lit-tfal dejjem kellmithom fit-tul. Hija spjegat li kien hemm inkonsistenza bejn l-imġieba tagħhom waqt l-aċċess u l-attitudni tagħhom meta tikkonfrontahom b'mod dirett dwar ix-xewqat tagħhom, kien f'dan tal-aħħar li kienu juru x-xewqa għas-supervizjoni fl-aċċess tal-missier. Hija kkonfermat li qatt ma kien hemm bżonn ta' intervent da parti tal-ħaddiema tal-Aġenzija Appoġġ waqt l-aċċess b'superviżjoni, tant, li fil-fatt, fir-rapporti esebiti, ma jirriżulta xejn irregolari. Żiedet tgħid li mill-esperjenza tagħha, t-tfal kienu jħobbu liż-żewġ ġenituri u kienu jħossu li ma jridux iweġġgħu lil ħadd mill-ġenituri, u ma kinux influwenzati minn xi ħadd mill-ġenituri.

Illi Christina White xehdet li hi taħdem fi ħdan L-intake and Family Support Services fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ bħala social worker. Xehdet li l-involviment tagħha f'dan il-każ beda fit-3 ta' Settembru 2008, u fis-6 ta' Marzu 2009 kienet għamlet l-ewwel appuntament mal-missier fejn Mr. B kien spjegalha li kien jaf li kien hemm partner tal-omm fid-dar matrimonjali, u ried jiddiskuti xi punti u f'April tal-2009 iltaqgħet mal-omm fejn l-omm  ma sabitx oġġezzjoni li jitqabbad counsellor biex isegwi t-tfal, u din infurmatha li t-tfal imorru tajjeb mal-partner tal-omm. Xehdet li fl-20 ta' April 2009,  hi u social worker oħra għamlu school visit biex jitkellmu maż-żewġt itfal il-kbar.  It-tifel spjega li jmur tajjeb mal-omm u l-partner tagħha u meta joqgħod imqareb missieru ġieli tah bil-ħarta u bis-sieq u kkawżalu tbenġila.  It-tifel l-ieħor ikkonferma li missierhom jekk joqgħodu mqarbin kien isawwathom. Fil-fatt, l-omm infurmatha wkoll li D kien xi drabi qed ikun aggressiv u hi rreferietu għal Psychological Services tal-Aġenzija Appoġġ. Ms. Bruno, l-għalliema tat-tifel dak iż-żmien, kienet ukoll inkwetata minħabba tbenġila li kellu fuq imnieħru E, u kellu wkoll xi tbenġila f'siequ. Xehdet li hi da parti tagħha ma għamlet l-ebda rapport fuq dan it-tbenġil, anke peress li l-omm imbagħad iddeċidiet li tipproċedi legalment.

Illi Charmaine Mifsud Cardona xehdet fejn qalet li  hi tirrappreżenta s-servizz tat-terapija tal-familja fi ħdan  l-FSWS u li l-Appoġġ hi waħda mill-aġenziji  fl-FSWS. Spjegat li ltaqgħet mat-tfal fl-2013, u kienu urew ix-xewqa li tarahom flimkien u hekk għamlet, u fil-ħames sessions li nżammew iż-żewġt ulied il-kbar qalu li kienu f'dilemma peress li bejn jieħdu pjaċir jiltaqgħu ma missierhom, mentri fl-istess ħin kienu aktar komdi meta jkun hemm il-preżenza tas-supervisor tal-Appoġġ.

Illi Andreana Gellel social worker mal-Appoġġ, xehdet li fl-2010 ġie ordnat mill-Qorti tal-Familja  sabiex isir assessment f'dan il-każ. Spjegat li dak li taf hi hu mill-ġenituri u mit-tfal u ġiet infurmata li fl-aċċess liberu tal-missier mat-tfal, il-missier kien refa' idejh fuq it-tfal. Żiedet tgħid li  s-superviżjoni baqgħet issir regolari u  għadha ssir sal-lum, iżda qalet li għandhom policy li  l-aċċess ma jibqax supervised

għax dan jintuża bħala proċess sakemm jikkalmaw l-affarijiet, iżda fl-opinjoni tagħha qalet it-tfal baqgħu insikuri, għalhekk għad hemm bżonn li l-aċċess jibqa' supervised. Xehdet li kienet irrakkomandat li l-intimat imur għand Psychologist, u obbligat ruħha li tippreżenta r-rapport tas-supervisors.

Illi xehed PS 15 Cyril Butters u esebixxa seba' rapporti magħmula minn A B minn Frar 2010 sa Mejju 2010, immarkati Dok CB1 sa CB7.

Illi C B, l-intimat xehed li hu u r-rikorrenti żżewġu fl-1996 u li issa huma legalment separati. Spjega li bdew jimxu skont is-sentenza rigward l-aċċess, sakemm l-attriċi bdiet tgħidlu biex jibdel il-ħinijiet. Xehed li fis-27 ta' Frar 2010 kien sejjaħlu l-Ispettur tal-Għassa ta' Bormla li infurmah li A qed takkużah li sawwat u ta bil-ponn lit-tifel il-kbir D , ittieħdu proċeduri kontrih iżda ġie liberat kif jirriżulta minn Dok CDA1. Minkejja dan spjega li A bdiet tirrifjutalu l-aċċess, għalhekk hu mar l-Għassa u għamel rapport kontriha u hi nstabet ħatja permezz ta' sitt sentenzi separati u anke ntbagħtet ġimgħa ħabs. Fil-frattemp, spjega li A kienet bdiet proċeduri għat-twaqqif tal-aċċess. Żied igħid li waqt il-medjazzjoni, ġiet imqabbda l-Aġenzija Appoġġ, li qalet li għandu jsir l-aċċess taħt superviżjoni. Qal li hu għamel kors ta' parenting skills kif jidher minn Dok CDA2 esebit u attenda għal sessjonijiet għand Dr. Charles Cassar il-Psikjatra, li rrillaxxa ċertifikat Dok CDA3. Il-konvenut xehed li m'għadux jara lit-tfal taħt superviżjoni u dan wara rikors li hu ppreżenta xhur qabel u b'digriet mogħti mill-Qorti fis-17 ta' Mejju 2017, iżda ppreċiża li fil-preżent, l-aċċess huwa xorta waħda limitat skont id-digriet mogħti, u dak li nbidel hu mis-17 ta' Mejju 2017, l-aċċess ma baqax iseħħ taħt superviżjoni. Xehed li A dejjem għamlet minn kollox biex taqtalu l-kuntatt mat-tfal. Dan kellu riperkussjonijiet fuq ir-relazzjoni tiegħu mat-tfal tant li D illum ma jħossux komdu jiltaqa' miegħu waħdu iżda jippreferi is-superviżjoni. Żied igħid li meta bdew l-allegazzjoni tat-tbenġil A kellha relazzjoni ma' ċertu Noel, li kien anke jorqod fid-dar tagħha. Qal li hu dejjem ikkopera bl-aħjar mod li seta' anke f'għeluq snin it-tfal meta A kienet tkun preżenti wkoll biex b'hekk almenu f'dawk l-okkażjonijiet kienu jidhru bħala familja.

FATTISPEĊJE  u APPLIKAZZJONI LEGALI GĦAL-KAŻ ODJERN

Illi t-talbiet prinċipali fil-każ odjern huma sabiex l-aċċess jibqa' limitat skont l-ewwel talba kif dedotta, li l-imsemmi aċċess għandu jibqa' sorveljat mill-Aġenzija Appoġġ, u sabiex jekk tinħass il-ħtieġa, jinħatar avukat tat-tfal. Jiġi osservat fl-ewwel lok, li l-każ odjern ġie ntavolat fis-26 ta' Ottubru 2012, meta t-tlett ulied tal-kontendenti kienu għadhom kollha minuri. Fil-fatt, kif premess fir-rikors promotur, D kellu tlettax-il sena, E tnax-il sena  u F disa' snin fiż-żmien tal-preżentata ta' din il-kawża.  Matul il-każ ittellgħu il-provi da parti tar-rikorrenti, il-provi tar-rikorrenti damu jinġabru sas-17 ta' Mejju 2017, meta waqt din is-seduta, l-Qorti kienet ddikjarat bħala maghluqa l-provi tar-rikorrenti.  Sussegwentement, ir-rikorrenti fl-2019 talbet aktar żmien biex isiru l-kontro-eżamijiet, iżda il-Qorti ċaħdet it-talba għal aktar żmien għall-kontro-eżamijiet. Finalment fil-verbal  datat 27 ta' Gunju 2019, ġie dikjarat li l-provi tal-partijiet kienu magħluqa.[2] Dan qed jingħad biex jintwera li  matul l-andament tal-provi f'dan il-każ, iż-żewġ ulied il-kbar leħqu l-eta` maġġorenni, filwaqt li F, it-tifel iż-żghir, illum għandu sittax-il sena.

Minn eżami akkurat tal-provi prodotti, jirriżulta li għal numru  ta' snin l-aċċess tal-missier sar b'mod regolari taħt is-superviżjoni tar-rappreżentanti u s-social workers tal-Aġenzija Appoġġ. Mid-dokumenti esebiti da parti tal-Appoġġ, li jiddeskrivu dawn il-viżiti tal-aċċess, ma jirriżultax li qatt kien hemm bżonn ta' intervent da parti tal-Aġenzija Appoġġ. L-aċċess kien baqa' jsir b'superviżjoni mill-Appoġġ konsegwenza tal-fatt, li kien hemm episodji ta' vjolenza u tbenġil fuq il-minuri fil-passat u dan meta' l-aċċess mal-missier kien mingħajr superviżjoni.  Ma jidhirx ikkontestat li kien hemm dawn l-episodji vjolenti fil-passat u meta anke kienu saru rapporti lill-Pulizija da parti tal-omm, u ttieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tal-intimat, fejn l-intimat kien ġie liberat kif jirriżulta minn Dok CDA1 esebit fl-atti tal-każ.   Dawn l-episodji setgħu ikkaġunaw nuqqas ta' kunfidenza fl-ulied il-kbar E u D, li  meta intervistati mir-rappreżentanti tal-Aġenzija Appoġġ, E kien ħassu insikur u D kien bejn ħalltejn. Fil-fatt, D, it-tifel

[2] Fol 722.

il-kbir, kien bejn ħalltejn u qal li jmur jiltaqa' ma' missieru skont l-aptit, E kien aktar dirett, u qal li ma jafdax li jiltaqa' ma' missieru mingħajr superviżjoni. Għalhekk, hija ferm relevanti għall-każ odjern ix-xiehda ta' Adriana Gellel, in rappreżentanza tal-Aġenzija Appoġġ, li kkonfermat li hija kienet intervistat lit-tfal b'mod individwali, mhux fil-preżenza tal-omm, biex tara x-xewqat tagħhom. B'referenza għat-tifel iż-żgħir F, li hija wkoll intervistat, irreferiet li x-xewqa tiegħu kienet li qatt ma ried superviżjoni waqt l-aċċess tal-missier. Ix-xhud Adriana Gellel ikkonfermat ukoll li meta saret ir-rakkomandazzjoni mill-Aġenzija Appoġġ biex l-aċċess ma jibqax isir b'superviżjoni, dan kien wara li l-aċċess b'superviżjoni kien ilu jsir b'suċċess u kien seħħ sar tibdil fl-attitudni tal-ulied versu l-missier, għalhekk raw li ma kienx hemm aktar bżonn ta' superviżjoni.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll li l-intimat kien ġie referut mill-Aġenzija Appoġġ biex jattendi sessjonijiet għand Psychologist u Psikjatra, kif ikkonferma l-intimat fix-xiehda tiegħu. Dan il-fatt huwa ċertament ikkorroborat mir-rappreżentanti tal-Aġenzija Appoġġ. Fil-fatt, l-intimat esebixxa ċertifikat DOK CDA3 rilaxxat mill-Psikjatra Dr. Charles Cassar f'dan ir-rigward.

Fil-mori tal-proċeduri, iż-żewġ ulied il-kbar D u E laħqu l-eta` maġġorenni ta' tmintax-il sena. Għaldaqstant, il-mertu tat-talbiet odjerni ġie eżawrit stante li ladarba huma leħqu l-eta` ta tmintax-il sena, l-ewwel talba dwar il-limitazzjoni tal-ġranet tal-aċċess skont l-esiġenzi u attivattijatiet kurrikulari tal-minuri, evidentement m'għadhiex treġi fil-konfront ta' D u E. Il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba biex l-aċċess ikun sorveljat u għall-protezzjoni meħtieġa tal-minuri. Ċertament il-mertu taż-żewġ talbiet kif dedotti huma eżawriti fil-konfront ta' D u E, li bħala maġġorenni għandhom jagħżlu u jiddeċiedu huma.

Referibbilment għat-tifel iż-żgħir F, li dan għadu m'għalaqx it-tmintax-il sena, iżda diġà għalaq s-sittax-il sena, għalhekk din il-Qorti trid tikkunsidra r-riżultanzi fattwali li joħorġu mill-provi prodotti. F'dan il-kuntest, jingħad li mill-intervisti individwali ta' Adriana Gellel mat-tlett ulied, irriżulta li F qatt ma ried superviżjoni meta jiltaqa' ma' missieru.

Irriżulta wkoll mix-xiehda tagħha li ma' F qatt ma kien hemm problemi, u r-relazzjoni tiegħu ma' missieru baqgħet dejjem konsistenti. Relevanti ħafna wkoll hija r-raġuni għaliex l-Aġenzija Appoġġ kienet irrakkomandat li l-aċċess jibda jsir mingħajr superviżjoni. Dan ġara għaliex l-aċċess kien ilu jsir b'superviżjoni għal numru ta' snin, l-aċċess seħħ b'suċċess u kien hemm bdil fl-attitudni tat-tfal. Ikkunsidrat ukoll, li l-Aġenzija Appoġġ kienet ukoll offriet is-servizzi ta' Psychologist u ta' Family therapy. Kif tajjeb sottomess fit-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-intimat, kien hemm diversi noti da parti tal-Aġenzija Appoġġ fejn intqal li l-minuri kienu jidhru kuntenti li jgħaddu l-ħin ma' missierhom. Fl-aħħar nota tal-Aġenzija Appoġġ datata 5 ta' Mejju 2017, intqal li l-ulied għandhom relazzjoni tajba mal-missier, l-ulied issa qed jikbru u għalhekk jistgħu jesprimu dak li jixtiequ mingħajr diffikultajiet. Tenut kont ta' dawn il-fatti u ċirkostanzi tal-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel żewġ talbiet kif dedotti fir-rikors promotur m'għandhomx jintlaqgħu fil-konfront tal-wild iż-żgħir F.

Għalhekk il-Qorti limitatament fir-rigward tal-wild F, tilqa' it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-intimat u tordna li l-aċċess iseħħ skond kif ordnat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża C sive Charles B vs A B deċiża fit-30 ta' Novembru 2007, mingħajr superviżjoni. Dan għandu japplika biss fil-konfront ta' F sakemm jagħlaq l-eta ta' tmintax-il sena. Kif diġà ingħad, iż-żewġ ulied l-oħra huma maġġonrenni għalhekk il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attriċi fil-konfront tagħhom.

B'referenza għat-tielet talba, dwar il-ħatra ta' avukat tat-tfal matul l-andament tal-każ biex jimmilita favur l-interessi tal-minuri, din it-talba m'għandhiex tintlaqa', peress li ma nħassitx din il-ħtieġa fil-mori ta' dan il-każ, u għalhekk il-Qorti qegħda tiċħad din it-talba.

**<u>DEĊIDE</u>**

Għalhekk għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

1. Tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrenti dwar il-modalita ta’ aċċess.

2. Tiċħad it-tieni talba tar-rikorrenti peress li l-ulied D u E illum huma maġġorenni. Tiċħad it-tieni talba wkoll fil-konfront tal-minuri F, għar-raġunijiet fuq spjegati.

3. Tiċħad it-tielet talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.